**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR AARON BUGEJA M.A. (LAW), LL.D. (MELIT).**

**Illum l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 17/2013**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Matthew Zarb**
**Franklin Orsini**
**Mark Anthony Bartolo**
**Mason Nehls**
**Duncan Caruana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 17 tal-2013 kontra Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana akkużati talli:

**Fl-Ewwel Kap** talli fit-18 ta' Diċembru 2010, assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta (inkluz bejniethom) jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a)(b), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar it-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga Ecstasy (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kienu awtorizżati bir-Regoli ta' l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jfornu l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa skond il-liġi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellhom liċenza jew xort'oħra awtorizżati li jimmanifatturaw jew jipprokuraw l-istess mediċina perikoluża/droga u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija

u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u l-Avviż Legali 183/1989, u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tielet Kap**, akkuża lill-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini, ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru 2010 kellhom fil-pussess tagħhom d-droga Ecstacy (MDMA) meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw, ifornu jew li jkollhom il-pussess tal-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u b'dan ukoll illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-

persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fir-Raba' Kap**, akkuża lill-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo u Duncan Caruana illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar (12) iżda mhux iżjed minn għaxar snin (10) kull wieħed u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) kull wieħed, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn disa' (9) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 23, 31, 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u

Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fil-Ħames Kap**, akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Mark Anthony Bartolo, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fis-Sitt Kap**, akkuża lill-imsemmija ko-akkużat Matthew Zarb, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstacy meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il-Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu il-pussess ta' din il-mediċina psikotropika/droga msemmija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar (12) u multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u desgħin Euro punt tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(ii) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10 tal-Avviz Legali 22/85 u 183/99 u fl-artikoli 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-

Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fis-Seba' Kap**, akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt senjatament li jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq membri tal-korp tal-pulizija waqt illi kienu fil-qadi ta'dmirijiethom u filwaqt li kienu qed jeżegwixxu il-Liġi jew ordni mogħtija skond il-Liġi minn awtorita` kompetenti, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imsemmi Duncan Caruana; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn tlett xhur (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tmien Kap**, akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament il-vettura Hyundai Getz bin-numru DBK213 karrozza mikrija mill-Korp tal-Pulizija u reġistrata fuq Sergio Camilleri għan-nom u ta' Topcar Services Limited, liema ħsara ammontanti għal tmien mija tnejn u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€822.67) ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax -il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Franklin Orsini preżentata fil- 25 ta' Lulju, 2013 u is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2014, fir-rigward ta'l-istess eċċezzjonijiet fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużat Franklin Orsini.

**3**. Rat in-nota tal-akkużat Mason Nehls ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha a tenur ta'l-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali ressaq eċċezzjoni preliminari ulterjuri fejn eċċepixxa l-inammissibilita' tal-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' dak kollu li intqal mill-imsemmi akkużat lill-pulizija fl-istadju ta'l-investigazzjonijiet mill-mument ta'l-arrest tiegħu sal-mument li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u dan peress illi hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ukoll il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Pulizija stante li fiż-żmien meta ittieħdet tali stqarrija l-akkużat kien għadu minuri u waqt it-teħid tal-imsemmija stqarrija ma kienx hemm ġenitur preżenti mal-akkużat.

**4**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tal-akkużat Mason Nehls u konsegwentement ordnat li ma ssir ebda referenza għall-istqarrija tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2010 esebita fl-atti proċesswali bħala Dok. CSH a fol.114 (kopja ta' proċess verbal) kif ukoll ta' kwalsiasi dikjarazzjoni oħra verbali jew miktuba li seta' għamel qabel ma tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja biex iwieġeb għall-akkużi odjerni.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fl-04 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn il-Qorti Kriminali laqgħet l-eċċezzjoni (ulterjuri) fejn ordnat li ma ssir ebda referenza għall-istqarrija ta'l-akkużat Mason Nehls tad-19 ta' Diċembru 2010 esebita fl-atti proċesswali bħala Dok. CSH a fol.114 (kopja ta' proċess verbal) kif ukoll ta' kwalsiasi dikjarazzjoni oħra verbali jew miktuba li seta' għamel qabel ma tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja biex iwieġeb għall-akkużi odjerni u minflok tikkonferma l-istess stqarrijiet bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6**. Rat ir-risposta tal-akkużat Mason Nehls tal-05 ta' Marzu 2021 fejn issottometta li l-Qorti Kriminali kienet legalment korretta u ġusta meta ddikjarat illi l-użu ta' kwalunkwe stqarrija kif ukoll dikjarazzjonijiet oħra magħmula mill-esponenti jista' jwassal ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellat u insegwitu ordnat sabiex ma ssir l-ebda referenza għal tali dikjarazzjonijiet. Konsegwentement jemmen bis-sħiħ illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-appell ta'l-Avukat Ġenerali.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-appellat Mason Nehls bħala prova inammissibbli u nieqsa minn valur probatorju, flimkien ma' dawk id-dikjarazzjonijiet oħra kemm verbali kif ukoll bil-miktub li hu seta' għamel lil pulizija, u dan għal motiv uniku illi huwa ma kellux avukat preżenti miegħu waqt l-interrogatorju sabiex joffrilu

dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment seta' irrilaxxa dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li ser jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontrih. Illi huwa fatt inkontestat illi l-akkużat Mason Nehls irrilaxxa stqarrija lill-pulizija investigattiva fid-19 ta' Diċembru 2010, liema stqarrija ġiet imbagħad ġuramentata quddiem l-Inkwirenti fejn fiż-żewġ okkażżjonijiet huwa ġie mogħti il-jedd li jieħu parir legali qabel ir-rilaxx ta' dawn l-istqarrijiet, iżda huwa irrifjuta għal darba darbtejn li jeżerċita dan il-jedd. F'dan iż-żmien Nehls kellu sbatax-il sena. Meta irrilaxxja dawn l-istqarrijiet kemm quddiem l-investigaturi kif ukoll quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ebda ġenitur ma kien prezenti mieghu.

**10**. Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu iressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli u dan minħabba l-fatt illi meta saru dawn l-istqarrijiet mill-akkużat, li jistgħu jkunu nkriminatorji, huwa ma kellux konsulent legali preżenti miegħu biex jassistieh. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **"9. Din il-Qorti qieset il-fatt ferm importanti illi l-istqarrija tal-akkuzat kienet minnu rilaxxjata fi zmien meta kellu access ghall-assistenza legali mhux biss limitata bil-hin ta' siegha qabel l-interrogatorju, izda li waqt l-interrogatorju innifsu ma setghax ikun ulterjorment assistit oltre l-konsegwenza tad-dritt ta' inferenza f'kaz li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulu;**
>
> **10. Issa, kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u ghandu jkun deciz fuq dawk il-fatti. Fil-kaz odjern huwa rilevanti ukoll li fiz-zmien tal-interrogatorju l-akkuzat kien ghadu minorenni u dan jincidi b'mod dirett fuq id-disposizzjoni tieghu li jirrilaxxja stqarrija in mankanza ta' assistenza legali;"**

**11**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat jindika illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex

għandu isir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrija ġiet rilaxxat skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhiex valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm l-Avukat Ġenerali, fl-appell minnu ntentat, jikkonċedi illi l-appellat kien għadu minorenni fiż-żmien meta ġie arrestat u interrogat (kellu sbatax-il sena), madanakollu fil-fehma tiegħu ma setax jitqies bħala persuna vulnerabbli stante illi kien diġa' xellef difrejgħ mal-ġustizzja f'iktar minn okkażjoni waħda b'akkużi ukoll fuq pussess ta' droga. *Di piu'* l-istqarrija ġiet ikkonfermata l-għada quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn reġa' ġie mogħti il-jeddijiet skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u fejn kellu kull opportunita', għalhekk, li jagħmel kuntatt kemm mal-konsulent legali tiegħu kif ukoll mal-ġenituri sabiex jitlob l-assistenza tagħhom, iżda qatt ma wera din ix-xewqa

**12**. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l-ilment minnu ventilat mill-ottika kostituzzjonali fejn jiġi lamentat il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Iżda mhux biss, ghaliex jikkontendi ukoll illi ġaldarba l-appellat kien għadu minorenni, il-pulizija kellhom necessarjament jinterrogawh fil-presenza tal-ġenituri tiegħu. Dan ma seħħx bi ksur ta' dak dispost fl-Att dwar il-Pulizija sabiex b'hekk din il-prova hija ukoll monka mill-aspett ta' dritt proċedurali penali.

**13.** Illi huwa ndubitat illi, fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu

skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**14**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2010, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużat kien ġie interrogat. Illi fiż-żmien meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet mill-appellat kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellat ma użufruwiex ruħu minnu. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk nħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-

---

[1]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti, għalkemm sussegwentment il-liġi reġgħet ġiet emendata sabiex tiġi in linja mad-dritt komunitarju, kif ingħad. L-appellat, madanakollu xortawaħda jinsisti illi bil-fatt illi huwa ma nghatax il-jedd li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogatorju, hemm lezjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi dak minnu dikjarat issa ser jinġieb bħala prova kontra tiegħu fil-ġuri.

**15**. Illi d-deċiżjoni mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda tal-Qorti Ewropea fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018 reġgħet qallbet il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn, u dan għalkemm sabet li f'dan il-każ kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-deċiżjoni il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud. Dawn il-kriterji jew linji gwida baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, inkluż allura il-każ li laqgħat lil pajjiżna *Farrugia vs Malta*, deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ampja għalihom fis-sentenza appellata u li l-Avukat Ġenerali jinvoka sabiex isaħħaħ l-lanjanza tiegħu.

> **"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
> **▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
> **▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**
> **▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**
> **▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**

**▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
**▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
**▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
**▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
**▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
**▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.**[2]

**16**. Illi dan it-taqlib fil-pronunzjamenti magħmula mill-Qorti Ewropeja wassal sabiex ikun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti ukoll fil-qrati tagħna b'mod ewlieni fil-Qorti Kostituzzjonali stess mal-medda taż-żmien fejn għalkemm il-qrati kellhom għall-ewwel iżommu ma' dak deċiż mill-QEDB fid-deċiżjoni ***Borg vs Malta***, madanakollu id-deċiżjonijiet reċenti mill-Qorti Ewropeja, kif hawn fuq imfisser, wasslu sabiex tfasslu regoli u kriterji ġodda li l-qrati għandhom jindagaw qabel ma jiġi determinat jekk konfessjoni inkriminatorja mogħtija mingħajr l-assistenza legali hijiex leżiva tad-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq. Il-Qorti Ewropeja stqarret illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

**"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding**

[2] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf

**the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.**

**429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136).[3]"**

**17**. Illi la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi tiskarta prova li f'dan l-istadju għadna valur probatorju, bil-fatt waħdu illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

[3] *Ibid*

**18**. Illi dan magħdud, madanakollu, f'dan il-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti hemm zewġ fatturi li anke l-Qorti Kriminali ħasset li kienu determinanti meta ġiet biex tqies jekk il-prova li kien bi ħsiebu jagħmel l-Avukat Ġenerali permezz tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet *pre-trial* magħmula mill-appellat hijiex b'saħħitha biżżejjed f'ġudizzju penali. Huwa fatt inkontestat illi lura f'Diċembru 2010 meta Nehls ġie arrestat u interrogat huwa kellu sbatax-il sena, għalkemm jidher li din ma kenitx l-ewwel darba li huwa ġie arrestat. Waqt l-interrogatorju kemm mill-investigaturi kif ukoll mill-Maġistrat Inkwirenti, li seħħet aktar tard, lanqas il-ġenituri tiegħu ma kienu preżenti miegħu. Illi t-Tielet Skeda intestata "Kodiċi ta' Prattika Għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati" fl-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164) jistabbilixxi dawk ir-regoli li għandhom jiġu osservati mill-interrogatur u dan sabiex l-istqarrija rilaxxata minn persuna arrestata tkun wahda konformi mal-liġi. Dan għaliex kif hemm stabbilit fl-artikolu 2 ta'l-Iskeda dwar l-importanza tal-istqarrijiet:

> **Billi l-istqarrija tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata hija ta' importanza ewlenija bħala prova, hu importanti li ma jsir xejn matul l-intervista li jista', ukoll bl-inqas mod possibbli, jitfa' dubju fuq il-validità tal-istqarrija; u minħabba fl-importanza tal-istqarrija bħala prova, il-Qrati tagħna huma stretti u metikolużi fil-kriterji li huma adottaw biex jiżguraw li dikjarazzjoni tkun saret b'mod konformi mal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri li l-istqarrija tkun ġiet magħmula "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ."**

Illi imbagħad l-artikolu 15, li jagħmel referenza għalih l-appellat fir-risposta tiegħu, jistabbilixxi dawk ir-regoli li jridu jiġu mħarsa u dan bi ħsieb speċjali għall-minorenni:

> **Għandu jingħata ħsieb speċjali meta jkunu qegħdin jiġu interrogati persuni taħt it-18-il sena. Kemm jista' jkun, u <u>jekk dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-investigazzjoni,</u> dawn il-persuni għandhom jiġu intervistati fil-preżenza ta' xi wieħed mill-ġenituri, jew it-tutur tagħhom, jew fil-preżenza ta' xi persuna oħra, li ma tkunx membru tal-Korp tal-Pulizija, li jkun tal-istess sess bħall-persuna interrogata, bħal min ikollu l-ħsieb u l-kustodja effettiva tal-minorenni, jew ħaddiem soċjali. Żgħażagħ u tfal li jkunu jattendu l-iskola jew xi istituzzjoni edukattiva oħra m'għandhomx, kemm jista' jkun, jiġu arrestati jew interrogati l-iskola. Meta jkun daqstant meħtieġ li l-intervista ssir l-iskola, dan għandu jsir fil-preżenza tal-kap tal-iskola.**

Illi r-regoli misjuba f'din l-Iskeda ġew imfassla bl-għan imfisser fl-artikoli 19 u 20 meta jingħad:

> **In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jinvalidax l-istqarrija li tkun ittieħdet, kemm-il darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen l-volontarjetà tal-istqarrija. Madankollu, jistgħu jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra persuni li ma josservawx id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi**
>
> **Finalment għandu jitfakkar li dawn ir-regoli ta' tmexxija qegħdin jiġu ċirkolati mhux biss biex jipprevjenu l-għemil ta' xi ħaġa li tkun projbita mill-Kostituzzjoni jew il-liġi ta' Malta, imma wkoll sabiex jiġu evitati allegazzjonijiet minn persuni arrestati ta' xi trattament mhux kif imiss matul l-arrest tagħhom. Għaldaqstant, l-osservanza ta' dawn ir-regoli mhux biss ittejjeb ix-xbieha tal-Korp tal-Pulizija f'għajnejn il-pubbliku, imma wkoll tiżgura inqas problemi għall-Pulizija meta jiġu biex eventwalment iġibu prova tal-validità ta' stqarrijiet li jsiru minn persuni arrestati.**

Illi anke id-dritt internazzjonali jfassal regoli specjali meta il-persuna arrestata u interrogata tkun għadha minorenni.

*"Procedure in juvenile cases*

**(a) Council of Europe**

**32. The Recommendation of the Committee of Ministers to member States of the Council of Europe concerning new ways of dealing with juvenile delinquency and the role of juvenile justice (Rec(2003)20), adopted on 24 September 2003 at the 853rd meeting of the Ministers' Deputies, in so far as relevant, reads as follows:**

> **"15. Where juveniles are detained in police custody, account should be taken of their status as a minor, their age and their vulnerability and level of maturity. They should be promptly informed of their rights and safeguards in a manner that ensures their full understanding. While being questioned by the police they should, in principle, be accompanied by their parent/legal guardian or other appropriate adult. They should also have the right of access to a lawyer and a doctor ..."**

**33. The Recommendation of the Committee of Ministers to member States of the Council of Europe on social reactions to juvenile delinquency (Recommendation No. R (87) 20), adopted on 17 September 1987 at the 410th meeting of the Ministers' Deputies, in so far as relevant, reads as follows:**

> **"Recommends the governments of member States to review, if necessary, their legislation and practice with a view:**

8. to reinforcing the legal position of minors throughout the proceedings, including the police interrogation, by recognising, *inter alia*:

– the right to the assistance of a counsel who may, if necessary, be officially appointed and paid by the State."

(b) United Nations

*(i) Convention on the Rights of the Child*

34. Article 37 of the Convention on the Rights of the Child (CRC), in so far as relevant, reads as follows:

"States Parties shall ensure that: ...

(d) every child deprived of his or her liberty shall have the right to prompt access to legal and other appropriate assistance, as well as the right to challenge the legality of the deprivation of his or her liberty before a court or other competent, independent and impartial authority, and to a prompt decision on any such action."

*(ii) General Comment No. 10 of the Committee on the Rights of the Child, dated 25 April 2007 (CRC/C/GC/10)*

35. The relevant part of this text concerning legal assistance to minors in police custody provides as follows:

"49. The child must be guaranteed legal or other appropriate assistance in the preparation and presentation of his/her defence. CRC does require that the child be provided with assistance, which is not necessarily under all circumstances legal but it must be appropriate. It is left to the discretion of the States Parties to determine how this assistance is provided but it should be free of charge ...

...

52. The Committee recommends that the States Parties set and implement time-limits for the period between the communication of the offence and the completion of the police investigation, the decision of the prosecutor (or other competent body) to bring charges against the child, and the final adjudication and decision by the court or other competent judicial body. These time-limits should be much shorter than those set for adults. But at the same time, decisions without delay should be the result of a process in which the human rights of the child and legal safeguards are fully respected. In this decision-making process without delay, the legal or other appropriate assistance must be present. This presence should not be limited to the trial before the court or

**other judicial body, but also applies to all other stages of the process, beginning with the interviewing (interrogation) of the child by the police[4].”**

Illi fil-***Police and Criminal Evidence Act, 1984*** ta'l-Ingilterra u Wales – Liġi li ispirat ukoll dik Maltija in materja – hemm regoli li huma ftit aktar ċari minn dawk Maltin dwar ir-raġuni għaliex huwa meħtieġ li minuri jkun akkumpanjat minn dak li jiġi imsejjaħ f'din il-liġi bħala*"approrpriate adult"* :

***3.13 If the detainee is a juvenile, the custody officer must, if it is practicable, ascertain the identity of a person responsible for their welfare. That person: • may be: ~ the parent or guardian; ~ if the juvenile is in local authority or voluntary organisation care, or is otherwise being looked after under the Children Act 1989, a person appointed by that authority or organisation to have responsibility for the juvenile's welfare; ~ any other person who has, for the time being, assumed responsibility for the juvenile's welfare. • must be informed as soon as practicable that the juvenile has been arrested, why they have been arrested and where they are detained. This right is in addition to the juvenile's right in section 5 not to be held incommunicado. See Note 3C.***

***3.15 If the detainee is a juvenile or a vulnerable person, the custody officer must, as soon as practicable, ensure that: • the detainee is informed of the decision that an appropriate adult is required and the reason for that decision (see paragraph 3.5(c)(ii) and; • the detainee is advised: ~ of the duties of the appropriate adult as described in paragraph 1.7A; and ~ that they can consult privately with the appropriate adult at any time. • the appropriate adult, who in the case of a juvenile may or may not be a person responsible for their welfare, as in paragraph 3.13, is informed of: ~ the grounds for their detention; ~ their whereabouts; and • the attendance of the appropriate adult at the police station to see the detainee is secured.***

***3.17 If the appropriate adult is: • already at the police station, the provisions of paragraphs 3.1 to 3.5 must be complied with in the appropriate adult's presence; • not at the station when these provisions are complied with, they must be complied with again in the presence of the appropriate adult when they arrive, and a copy of the notice given to the detainee in accordance with paragraph 3.2, shall also be given to the appropriate adult.***

---

[4] Il-Kaz quddiem il-Grand Chamber QEDB Salduz vs It-Turkija – application number 36391/02 27/11/2008

Allura taħt il-PACE huwa meħtieġ li l-minuri jkun akkumpanjat <u>sa mill-bidu nett</u> – inkluż allura fi stadju fejn jingħatawlu l-jeddijiet tiegħu verbali (3.1) u bil-miktub (3.2), li jingħata twissijiet dwar ir-reati li għalihom ikun ġie arrestat u meta jingħata dokumenti għall-fini ta' *disclosure* (3.4) nonche jekk ikunx irid li jkollu assistenza legali (3.5). Apparti minn hekk, l-*appropriate adult* irid ikun ukoll preżenti mal-minuri fil-kuntest ta' meta jkun irid l-assistenza legali inkluż in konnessjoni ma kwalunkwe interrogatorju li jkun sejjer isirlu:

> ***6.5A In the case of a person who is a juvenile or is vulnerable, an appropriate adult should consider whether legal advice from a solicitor is required. If such a detained person wants to exercise the right to legal advice, the appropriate action should be taken and should not be delayed until the appropriate adult arrives. If the person indicates that they do not want legal advice, the appropriate adult has the right to ask for a solicitor to attend if this would be in the best interests of the person and must be so informed. In this case, action to secure the provision of advice if so requested by the appropriate adult shall be taken without delay in the same way as when requested by the person. However, the person cannot be forced to see the solicitor if they are adamant that they do not wish to do so.***

Inoltre, b'riferenza għall-interrogatorju proprju, l-PACE tgħid hekk :

> ***(C) Juveniles and vulnerable persons:***
> ***11.15 A juvenile or vulnerable person must not be interviewed regarding their involvement or suspected involvement in a criminal offence or offences, or asked to provide or sign a written statement under caution or record of interview, in the absence of the appropriate adult unless paragraphs 11.1 or 11.18 to 11.20 apply. See Note 11C.***
> ***11.16 Juveniles may only be interviewed at their place of education in exceptional circumstances and only when the principal or their nominee agrees. Every effort should be made to notify the parent(s) or other person responsible for the juvenile's welfare and the appropriate adult, if this is a different person, that the police want to interview the juvenile and reasonable time should be allowed to enable the appropriate adult to be present at the interview.***
> ***If awaiting the appropriate adult would cause unreasonable delay, and unless the juvenile is suspected of an offence against the educational establishment, the principal or their nominee can act as the appropriate adult for the purposes of the interview.***
> ***11.17 If an appropriate adult is present at an interview, they shall be informed: • that they are not expected to act simply as an observer; and • that the purpose of their presence is to: ~ advise the person being interviewed; ~ observe whether***

***the interview is being conducted properly and fairly; and ~ facilitate communication with the person being interviewed. See paragraph 1.7A.***
***11.17AThe appropriate adult may be required to leave the interview if their conduct is such that the interviewer is unable properly to put questions to the suspect. This will include situations where the appropriate adult's approach or conduct prevents or unreasonably obstructs proper questions being put to the suspect or the suspect's responses being recorded (see Note 11F). If the interviewer considers an appropriate adult is acting in such a way, they will stop the interview and consult an officer not below superintendent rank, if one is readily available, and otherwise an officer not below inspector rank not connected with the investigation. After speaking to the appropriate adult, the officer consulted must remind the adult that their role under paragraph 11.17 does not allow them to obstruct proper questioning and give the adult an opportunity to respond. The officer consulted will then decide if the interview should continue without the attendance of that appropriate adult. If they decide it should, another appropriate adult must be obtained before the interview continues, unless the provisions of paragraph 11.18 below apply.***

**19**. Illi minn eżami li għamlet il-Qorti tal-atti kumpilatorji jemerġi illi ma ingħatax dik l-attenzjoni speċjali u meħtieġa meta l-appellat bħala persuna taħt l-eta' ġie arrestat u interrogat. Għalkemm Mason Nehls kellu sbatax-il sena, u allura kellu jitqies li kien għadu minorenni, huwa ġie interrogat kemm mill-investigaturi kif ukoll quddiem l-Inkwirenti fl-assenza ta' xi ħadd mill-ġenituri tiegħu jew ta' xi adult ieħor li għandu taħt idejh il-ħarsien tal-minuri. Lanqas ma hemm prova in atti li l-investigaturi ppruvaw jagħmlu kuntatt ma' omm l-appellat billi f'dak iz-zmien hu kien igħix magħha. Illi għalkemm huwa allegat illi l-appellat kien diġa' ġie arrestat qabel, anke fuq akkużi ta' pussess ta' droga, madanakollu l-fedina penali tiegħu dak iż-żmien kienet waħda nadifa. Fl-istqarrija u dikjarazzjoni ġuramentata għalkemm l-appellat ġie mogħti l-għażla li jieħu parir minn għand avukat, madanakollu huwa irrifjuta dan il-jedd u dan ir-rifjut ukoll sar fl-assenza tal-adult li f'dak iz-zmien kellu responsabbilta' ta' kustodja tal-minuri fdata f'idejh. Il-Qorti għandha id-dubbju tagħha kemm Nehls seta' jifhem il-gravita' tal-akkużi li setgħu jiġu lilu addebitati. Illi l-prova li qed tfittex li tagħmel il-Prosekuzzjoni allura hija waħda determinanti, meta minn qari ta'l-istess, huwa evidenti illi l-appellat, allura minorenni, seta' għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminatorji.

**20**. Illi allura minn dawn il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati fejn jinsabu eżebiti l-istqarrijiet, għalkemm jidher illi dawn ma jikkostitwux l-uniku prova li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq f'dan il-proċess penali, u għalkemm għadu jrid jiġi iċċelebrat il-ġuri sabiex l-appellat jiġi ipproċessat skont il-liġi fejn se jingħata kull opportunita' li jiddefendi ruħu għall-akkużi lilu addebitati, madanakollu l-ebda prova ma tista' teradika l-fatt illi meta ġie arrestat, l-appellat kien għadu minorenni, ma kellux miegħu persuna adulta waqt li ġie interrogat kontra kull prattika stabbilita fl-Att dwar il-Pulizija kif hawn fuq delinjat, u kontra kull rakkomandazzjoni ta' dritt internazzjonali fir-rigward. Dan iwassal sabiex jinħoloq id-dubbju dwar kemm, minħabba n-nuqqas ta' adult jakkumpanja lill-appellat, l-istess appellat seta' jifhem sewwa in-natura tat-twissija li kienet qed tiġi lilu mogħtija mill-interrogator u sussegwentement mill-Inkwirenti meta huwa għazel li lanqas jieħu parir minn għand avukat, għalkemm kellu l-għazla libera li jagħmel dan. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-fatt illi l-appellat issa ser ikun assistit minn avukat waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u ukoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu, ma jista' bl-ebda mod jissana il-prattika żbaljata li ġiet segwieta meta huwa, f'dak iż-żmien minorenni, ġie interrogat, u rinfaċċjat bil-possibilita' ta' akkużi ferm serji li jġorru piena oneruża, x'aktarx injar kemm mill-konsegwenzi mnissla mill-fatt innifsu li rrifjuta li jkun assistit minn avukat u l-konsegwenzi li dan kien sejjer ikollu fuq dak li huwa kien sejjer ikun dispost jiddikjara dwar il-każ tiegħu, kif ukoll injar mill-konsegwenzi legali ta' dak minnu dikjarat fl-istqarrija u ix-xiehda ġuramentata tiegħu, mingħajr ma kiseb parir minn għand avukat (għalkemm mogħti l-għazla li jagħmel dan), għamel dikjarazzjonijiet li jikkostitwixxu prova determinanti fil-proċess penali li huwa ser jiffaċċja meta ma kellux dik l-assistenza legali u lanqas seta' jieħu parir minn persuna adulta minnu fdata.

**21.** Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk

jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq[5]. Hija konsapevoli wkoll ta' pronunzjamenti oħra, b'wieħed aktar recenti[6], fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-fehma kuntrarja[7], u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f'indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistharreġ jekk teżistiex il-biza' li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta' smigħ xieraq bl-ammissjoni bħala prova ta' stqarrija li b'xi mod tista' tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli u l-effett li dan jista' jkollu fuq il-proċess meqjus b'mod sħiħ meta dan ikun seħħ fit-totalita' tiegħu. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati, bħalma ġew ravviżati ukoll mill-Qorti Kriminali qabilha, ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.

**22**. Illi allura jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess gudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew stqarrija rilaxxata mill-appellat lill-pulizija u lil Inkwirenti wara li hu ġie arrestat, iżda qabel ma tressaq il-Qorti, tiġi imwarrba u ma tinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, mhux daqstant minħabba il-possibilita' ta' leżjoni tad-dritt ta'l-appellat għal smigħ xieraq, daqskemm minħabba nuqqas ta' adeżjoni mar-regoli kemm dawk stabbiliti fil-liġi nazzjonali kif ukoll internazzjonali marbuta mal-interrogazzjoni ta' persuni ta' taħt l-eta'.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud u is-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużati.**

---

[5] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat
[6] Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021
[7] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**